MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Numru. 1172/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Christian Bonello**

**Kumpilazzjoni Nru: 1172/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christian Bonello, ta’ 29 sena, iben Victor u Rita nee’ Vassallo, imwieled Pieta’ nhar it-2 ta’ Frar, 1985 u residenti gewwa Facilita’ Korrettiva ta’ Kordina, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 110985 (M).

Akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta’ Ottubru, 2014 u/jew fil-jiem ta’ qabel, mill-fond Flat 2, Ta’ Medati, Triq il-Luzzu, Kalkara, ikkometta serq ta’ ghadd ta’ oggetti, fosthom ghodod u accessorji ta’ l-elettriku, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-mezz, li jecceddi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u teltin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta’ Kurt Bugeja u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;
2. Nhar it-28 ta’ Ottubru, 2014, ghall-habta tas-2:15pm, minn appartament li ghadu bla numru formanti parti minn Blokk B, Upper Valley Mansions, Triq il-Progress, Kalkara u mill-komun ta’ l-istess blokk, ikkommetta serq ta’ accessorji elettrici u xi ghodod, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) u li sar gahd-detriment ta’ Melvin Falzon, Paul Caruana u/jew ta xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra.
3. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 264, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar is-16 ta’ Jannar 2015 mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imuputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. In oltre l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat qieghed juri x-xewqa li jerga' jibda jindirizza l-problema li ghandu b'l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 264, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jibda u jkompli sa tmienu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sena minn meta jigi infurmat b'l-ammont dovut, ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti **nofs l-ispejjez** rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti f'l-atti ta'l-inkjesta esebieta in atti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------